TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Claudette Magri

Vs

Pitre' Hardware Ltd

CCT 117/20/MM

Illum, 12th October 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fl-4 ta' Settembru 2020 fejn talbet is-somma ta' ħames mija u tletin Ewro (€ 530), prezz ta' sink mixtri mingħand is-soċjeta' intimata fejn allegatament wara l-ewwel użu tal-istess sink beda jingiref fost affarijiet oħra.
Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata pprezentata fl-1 ta' Ottubru 2020, fejn ikkontestat it-talba għal diversi raġunijiet, inkluż iżda mhux limitatament għall-fatt li l-oġġetti mertu ta' dawn il-proċeduri ma humiex difettużi.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal jinnota li minkejja li r-rikorrenti indikat l-ammont ta' Euro 530 bħala l-valur tal-oġġett u ċioe s-sink mertu tal-proċeduri odjerni, l-irċevuta annessa mat-talba tagħha tindika żewġ oġġetti fejn l-ebda wieħed ma huwa ta' dak il-valur. Illi nonostante dan, dan it-Tribunal xorta waħda ser jeżamina l-mertu tat-talba in kwistjoni minħabba li effettivament ma tqajjmet l-ebda eċċezzjoni f'dan ir-rigward mis-soċjeta' intimata.

Ikkunsidra

Illi l-pern tat-talba tar-rikorrenti tirrigwarda l-fatt li mal-mument tal-ewwel użu tas-sink in kwistjoni dan beda jingiref, u hi saħansitra ssosstni li beda joħroġlu s-sadid. Jidher pero' li l-kwistjoni tas-sadid ġiet riżolta u għalhekk il-kwistjoni primarja tar-rikorrenti tibqa' fir-rigward tal-grif u għal tali qegħda tippretendi l-flus lura tal-istess sink.

Ir-rikorrenti ssostni li meta ġew għandha d-dar ħaddiema tas-soċjeta' intimata sabiex inaddfu s-sink dak il-ħin ġie sew iżda bl-użu reġa beda jingiref. Hi ma ssemmi xejn iżjed fir-rigward tas-sadid li allegatament kien ħareġ mal-ewwel użu ta'dan is-sink u għalhekk wieħed għandu jifhem kif di fatti jistgħa jiġi kkonfermat mix-xhieda tar-rikorrenti li l-ilment jirrigwarda biss il-grif li qed iġarrab dan is-sink bl-użu tiegħu.

Fl-avviż tat-talba tagħha, irr-rikorrenti ssemmi wkoll li ċertu *sales person* Bjorn kien dakinhar li aċċedda fir-residenza tagħha fejn jinsab dan is-sink qalilha sabiex tibdel il-borom kif ukoll tallega li *manager* partikoalri offrielha mija u ħamsin Ewro (€ 150) *voucher* mingħand Pitre' Home Ltd.
Min-naħa l-oħra, is-sojeta' intimata tiċħad kategorikament dan kollu mhux biss fir-rigward tal-fatt, kif jixhed Jonathan Borg, il-*manager* ta' Pitre' Hardware Ltd, li Pitre' Home u s-soċjeta' intimata huma entitatjiet separati u distinti u għalhekk ma jista' jkun qatt li l-attriċi ġiet offruta *voucher* f'dan is-sens, iżda wkoll fir-rigward tal-fatt li skont ir-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata l-garanzija ta' għoxrin (20) sena fuq dan is-sink kienet dejjem bl-intiża ċara li ma tirrefereix għall-grif iżda limitatament għall-materjal *stainless steel* li jkun 18/10 *stainless steel.*

Illi t-Tribunal jinnota u dan saħansitra minn riċerka li għamel huwa stess li l-proprjetajiet u l-karatteristiċi tal-*istainless steel* minkejja li huwa reżistenti ħafna, u jiflaħ saħansitra temperaturi għoljin fost affarijiet oħra, huwa materjal li di natura jingiref. Madanakollu t-Tribunal josserva li hemm metodi ta' kif wieħed għandu jippreżerva l-prodott tiegħu anki bl-użu ta' *cleanin agents* li ġew indikati lir-rikorrenti, fejn filfatt tafferma li tali *cleaning agent* ħadem u kien biss wara li reġgħet użat is-sink li reġa' beda jingiref.

Illi jekk ir-rikorrenti għandha xi dubji fir-rigward l-aħjar metodu ta' kif hija tieħu ħsieb il-prodott tagħha għandha tikkonsulta professjonisti, fosthom metallurġist, madanakollu ma tistax tibdel in-natura ta' prodott sempliċiment għaliex hi tixtieq li jkun mod ieħor.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-avviż, għar-raġunijiet fuq spjegati, billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru